# XOGĦLIJHIET KOMPOSTI MINN DR. PAOLO NANI LL.D. B'DEDIKA SPEĊJALI LILL-BARITONU LORENZO DEL RICCIO



F'kamra mdaqqsa fil-Mużew tal-Kattidral fl-Imdina, insibu l-wirt li ħallew il-ħames ġenerazzjonijiet fi ħdan il-familja Nani. Fost il-kwantità kbira ta' manuskritti oriġinali komposti minnhom, insibu dawk miktuba minn Mro. Paolo Nani LL.D., magħruf l-aktar għas-servizz twil li għamel bħala Maestro di Cappella f'għadd kbir ta' knejjes u parroċċi u l-karriera brillanti ta' Maestro Concertatore fit-Teatru Rjal bejn l-1841 u l-1973.

Il-pinna mużikali tiegħu fiha element pjuttost drammatiku, element operistiku 'l bogħod mill-profondità li joffru l-imqades tagħna. Bla dubju, dawn ix-xogħlijiet huma fost l-aktar imfittxija fil-jiem solenni tal-famuża festa.

Erba' xogħlijiet komposti minn Dr. Paolo Nani għandhom dedika speċjali lil wieħed mill-aqwa kantanti – il-Basso Cantante Lorenzo Del Riccio. Dawn ġew komposti bejn April ta' l-1840 u l-1857. Fihom, il-kompożitur jagħti ċans assolut biex joħroġ il-livell vokali ta' dan il-kantant. L-erba' xogħlijiet huma kollha sagri. Dawn huma l-*Incipit Cratio* kompost fis-16 t'April 1840; is-*Salve Regina* għall-vuċi solista ta' baxx akkumpanjat b'kor, miktub fis-6 t'April 1845, il-*Qui Sedes & Quaniam* (partijiet mill-*Gloria in Excelsis*) komposti għall-baxx solo fis-sena 1857. Dawn jirrflettu l-kwalità għolja li pposseda dan il-kantant matul il-karriera tiegħu, karriera li llum il-ġurnata ftit huma dawk li jafu biha.

Lorenzo Del Riccio, iben Silvestro u Alossia Sansoni twieled Firenze fil-bidu bikri tas-seklu l-ieħor. Ta' età ċkejkna, beda l-istudju ta' l-arti teatrali, talent li wasslu biex ikun wieħed mill-aqwa baritoni fil-peniżula Taljana. Barra li kien kantant, del Riccio, bniedem ta' statura goffa kien ukoll attur prolifiku. Il-ħajja teatrali wasslitu biex jikseb diversi suċċessi f'bosta teatri Ewropej, teatri li ġibdu lejhom l-aqwa artisti.

Fit-Teatro Comunale Provvisorio ta' Katanja, fl-istaġun operistiku ta' l-1832/33 niltaqgħu ma' Del Riccio fl-opra L-*Assedio Di Corinto* komposta minn G. Rossini fuq librett ta' Balocchi u Soumet, miktuba f'Pariġi fl-1826. F'din l-opra, Del Riccio kien fil-parti ewlenija tal-karattru ta' Maometto II. Interessanti, li l-ewwel rabta li Lorenzo kellu mal-familja Nani kien f'dan l-istess teatru. F'dan l-istaġun, il-prim vjolonista kien Emanuele Nani (iz-ziju ta' Dr. Paolo Nani LL.D). Dan l-istaġun kien taħt l-impresarju Auteri filwaqt li d-direzzjoni orkestrali kienet f'idejn Rossi Buonaccorsi.

Fit-28 ta' Ġunju 1833, Lorenzo Del Riccio kien kanta fl-inawgurazzjoni ta' l-*Accademia Filarmonica* ta' Messina. F'din l-akkademja, Lorenzo kien soċju onorarju. Fl-istess sena nsibuh fit-Teatro La Munizione fl-opra Ricciarda.

*ikompli f'paġna 47*

*minn paġna 43*

**Del Riccio f'pajjiżna**

Jidher li dan is-suċċess wasal f'widnejn l-impresarju tat-Teatru Reale (Teatru Manoel) - Domenico Amore, li mill-ewwel fehem li dan il-kantant ser jagħmel futur kbir. Lorenzo, li kien miżżewweġ lil Annunzjata Manicella telaq minn Messina għal Malta fl-1834. F'Messina, huma damu għal madwar għoxrin xahar. Fost l-ulied ta' Lorenzo, insibu lil Carolina li wiegħdet imħabbitha lil Salvatore Vinco.

F'pajjiżna, Del Riccio għamel l-ewwel debutt tiegħu fl-istaġun 1834/35. Dan seħħ fis-6 ta' Novembru, 1834, fl-opra *La Sonnambula* ta' V. Bellini, opra li kienet imtella' għall-ewwel darba f'pajjiżna. F'din l-opra, Del Ricio kien fil-parti tal-Konti Rodolfo. Għalkemm il-parti tiegħu ma kenitx daqshekk importanti, xorta waħda ġie applawdit mill-pubbliku preżenti. F'dak l-ewwel staġun f'Malta, Del Riccio ħa sehem f'għaxar opri.

Fl-istaġun ta' wara, Domenico Amore, f'isem kumitat iffurmat minn Tagliaferro, Paladino, Dimech u Leonardis reġa' rabat b'kuntratt lil Lorenzo għal sena. Dan kien il-bidu ta' seba' staġuni konsekuttivi fejn fihom Lorenzo ibbrilla.

Ma' Lorenzo Del Riccio, nerġgħu niltaqgħu fit-Teatro Comunale ta' Katanja fl-istaġun operistiku ta' l-1836-37, fejn l-impreża kienet f'idejn Auteri u Di Stefano. Fl-4 t'Ottubtu 1836, Del Riccio ħa parti mportanti fl-opra *La Cenerentola.* L-istess għamel fil-5 ta' Novembru ta' l-istess sena fl-opra *La Pazza Per Amore* (Ferratti / Coppola). Hawnhekk, Del Riccio kien fil-parti tal-Konti. Fis-27 ta' dak ix-xahar, nerġgħu niltaqgħu ma' Lorenzo fil-karattru ta' Enrico VIII fl-opra *Anna Bolena* (Romani / Donizetti).

Fl-1841, Lorenzo reġa' telaq minn Malta sabiex jieħu sehem f'sensiela t'opri f'bosta teatri fosthom f'Milan, Livorno, Ferrata, Ruma u Firenze. Lura Malta fl-1844, Lorenzo reġa' ħa postu fit-Teatru Rjal, grazzi għal Domenico Amore u l-kumitat tiegħu magħmul minn Fred. Sedley, William Egnaud, Lorenzo De Caro, Ettore Zimelli u l-Baruni P. Sciberras Trigona. Ir-ritorn tiegħu fl-element operistiku seħħ nhar il-5 t'Ottubru 1844 fl-opra *Nabucco.*

Mill-ewwel dehra tiegħu f'artna l-popolarità ta' dan il-kantant ma qatgħet xejn. Fl-1851, Del Riccio qaleb għall-*Primo Basso.* B'dan il-karattru, huwa ħa sehem f'bosta opri fosthom *L'Africana*, Ruy Blas, *Don Carlos, Jone, La Traviata* u *Un Ballo in Maschera.* Meta l-età kienet qed tagħmel tagħha, Lorenzo qaleb għal-*Secondo Basso* u wara għal dak ta' *utilitè.*

Bla dubju, waħda mill-aqwa rappreżentazzjonijiet f'pajjiżna li baqgħet f'moħħ Del Riccio kienet l-opra *Lucia di Lamermoor*, opra li ġiet imtella' fl-4 ta' Diċembru 1838 fl-okkażjoni taż-żjara uffiċjali li kienet għamlet ir-Regina Adelaide, mart id-duka ta' Clarence. F'din l-opra, Lorenzo kien fil-parti ta' Enrico, filwaqt li l-karattri ta' Lucia, Edgardo, Arturo u Raimondo kienu nterpretati minn Camilla Darbois, Giulio Mazza, Gaetano Pardini u Salvatore Vinco rispettivament. Fi-23 ta' Marzu 1839, kienet saret *sioree d'honneur* minn dan il-kantant. Dan il-programm kien wieħed varju fejn ġew esegwiti ż-żewġ atti ta' l-opra *Betly*, dwett mill-opri *La Cenerentola* u *Chiara di Rosenbergh* u t-tieni att mill-opra *Lucrezia Borgia.*

Okkażjoni oħra kienet il-ftuħ tat-Teatro Reale (magħruf bħala t-Teatru l-Imwaqqa'). Dan seħħ fid-9 t'Ottubru 1866 bl-opra inawgurali tkun dik ta' Bellini – *I Puritani e i Cavalieri.* Fiha, Lorenzo kien fil-parti ta' Lord Walton. F'dan it-Teatru, il-karriera ta' Lorenzo kienet waħda tajba għalkemm kien dieħel fiż-żmien. Memorja mhux daqshekk sabiħa li baqgħet f'moħħ Del Riccio kienet id-disfatta tal-qerda mill-ħruq li kien sar f'dan it-Teatru. Din il-ġrajja kerha seħħet fil-lejl tal-25 ta' Mejju, 1873, meta l-provi ta' l-opra *La Vergine del Castello* (Giuseppe Privitera) kienu fl-aqwa tagħhom.

*ikompli f'paġna 56*

# SELECO C.T.V. CONSIGLIO

**TA' WESTERN RADIO SERVICE**
**701, High Street, Ħamrun**
**Tel No: 238356**

Jgħarraf lill-klijenti kollha tiegħu li għadu kif irċieva settijiet Seleco ta' l-aħħar teknoloġija 14", 21", 25", 28" u 33". Dawn tistgħu tarawhom fl-indirizz ta' hawn fuq.

**BL-AĦJAR GARANZIJA U SERVIZZ MILL-R.T.V. MAINTENANCE LTD.**

**• 3 SNIN GARANZIJA**
**• L-AĦJAR U L-IRĦAS F'MALTA**
**• SERVIZZ FIL-PRONT**

L-unika kumpanija li għandha 10 *technicians* li għandhom 10 snin esperjenza fit-T.V. tal-kulur.

**SERRAĦ RASEK, *IXTRI SELECO***


*minn paġna 47*

Il-ħbiberija intima mal-familja Nani tinħass ukoll fil-produzzjoni ta' l-opra *I Cavalieri di Malta* komposta minn Anton Nani – iben Dr. Paolo.

Din kellha l-ewwel rappreżentazzjoni fit-Teatru Rjal fis-16 ta' Jannar, 1880. Is-solisti kienu Giovanni Zambellini, Giulia Firmani, Giuseppe De Santis-Marionacci, Innocente de Anna, Giovanni Villiani, Giovanni de Filippis, Benedetto Dropini, Marianna Vinco, Benedetto Perez u Lorenzo Del Riccio. Id-direzzjoni orkestrali kienet f'idejn il-kompożitur stess.

**Fil-knejjes Maltin**

Barra l-ħajja teatrali, lil Lorenzo nsibuh jagħti servizzi sagri f'diversi knejjes. Bla dubju, l-erba' xogħlijiet sagri komposti minn Dr. Paolo Nani b'dedika speċjali lil dan il-kantant, xi darba jew oħra ġew esegwiti.

Okkażjoni fejn fiha niltaqgħu ma' Lorenzo kienet fil-*Messa de Requiem* fil-Kattidral ta' l-Imdina. Għaliha Del Riccio tħallas ħames skudi. Fost il-mużiċisti u kantanti li tħallsu għal dan is-servizz, wieħed isib lil Domenico Amore, Luigi Grech Grandolini, Luigi Rosato, Giovanni Le Brun, Angelo Galea u oħrajn.

Il-karriera pubblika tiegħu ġiet fi tmiemha fl-età ta' 80 sena. Għal kenn ta' daru, Del Riccio mgħobbi bl-età u esperjenza vasta kien jgħaddi l-ħin mehdi bil-lezzjonijiet tal-kant. Lorenzo Del Riccio miet fl-età ta' 84 sena nhar it-Tnejn filgħodu tas-7 t'April 1884.Mewtu seħħet fid-dar tiegħu f'Nru. 61 Triq Zekka, Valletta; it-triq li f'dik is-sena nsibu jgħixu fiha żewġ kompożituri kbar Maltin – Emmanuele Bartoli u Dr. Paolo Nani, t-tnejn magħrufa għall-karriera tagħhom fit-Teatru Rjal.

Il-funeral tiegħu sar fil-knisja tal-Karmnu, fil-Belt u d-difna saret fil-qabar tal-Karmelitani